MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 31

30 ta' Novembru 2009

Minuti tas-Seduta Nru. 31 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 30 ta' Novembru 2009.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier J. Azzopardi aċċenna għall-minuta 8.6. (**Ref: A/5/3/6)** tas-seduta preċedenti u talab din tinqara kif ġej:

*"8.6. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saru kuntatti mal-Kunsill Lokali ta' Adenau sabiex jinġiebu 25 żkuk tas-siġar mill-Ġermanja ħalli jinxtegħlu f'Misraħ il-Parroċċa qrib it-tinda. L-ispiża ta' dawn iż-żkuk telgħet minn €5 għal €10-il wieħed, filwaqt li dawn ser jinġiebu mingħajr ħlas mid-ditta Emmanuel Vella & Sons Ltd. Ġie propost ukoll li tintrama sigra tal-Milied kbira taħt it-tinda, li ġiet offruta mingħajr ħlas mill-Qasrija Flower Shop. Il-Kunsillier J. Azzopardi ressaq suġġeriment sabiex min irid ikun jista' jġib rigali u jħallihom taħt l-istess siġra bil-għan li wara jkunu jistgħu jingħataw lid-diriġenti tal-kampanja L-Istrina.".*

1.2. Il-minuti tas-seduta Nru. 30 li saret fl-10 ta' Novembru 2009 ġew approvati u ffirmati bl-emenda t'hawn fuq.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Inizjattiva promozzjonali għall-Mellieħa (T/12/2)

2.1.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 18.1. tas-seduta preċedenti. Huwa qal li c-*chairman* ta' l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu – is-Sur Josef Formosa Gauci – permezz ta' *e-mail* datat 23 ta' Novembru 2009, ikkonferma li rċieva talba minn ħdax-il lukanda fil-Mellieħa u mill-Kunsill Lokali sabiex jibbenefikaw mill-Iskema 50-50 bil-għan li jiġi stampat u mqassam f'Ċipru *brochure* promozzjonali dwar il-Mellieħa. Is-Sur Formosa Gauci kkonferma wkoll li l-Awtorita` lesta li toħroġ €26,000 biex tekwipara l-ammonti ta' €22,000 u l-€4,000 li ser jitħallsu mil-lukandiera u l-Kunsill, rispettivament. Il-lukandi msieħba f'din l-inizjattiva huma:

- Panorama Hotel
- Luna Holiday Complex
- Pergola Hotel
- Solana Hotel
- Maritim Antonin & Spa

- Selmun Palace Hotel
- Riviera Resort Hotel
- Ramla Bay Resort
- Paradise Bay Hotel
- Riu Seabank Hotel
- Radisson Blu Resort & Spa

2.1.3. Is-Sindku aċċenna li, kif kien imħabbar aktar qabel, din l-inizjattiva ġiet imnedija mis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Mario De Marco waqt konferenza stampa li saret fil-Bitħa tas-Santwarju fis-26 ta' Novembru 2009. Fil-konferenza tħabbar li 265,000 kopja tal-*brochure* ser jitqassmu fid-djar kollha ta' Ċipru. Il-ġarr tagħhom ser ikun a karigu ta' Emirates Airlines u ROCS Group. Kopja tal-brochure *"Mellieħa, Malta …a destination for all seasons"* intweriet lill-Kunsill. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa magħruf ukoll li l-interess dwar Malta qed jikber, tant li operaturi Ċiprijotti ser jieħdu sehem għall-ewwel darba fl-edizzjoni li jmiss tal-Amitex, biex jippromwovu l-lokalita` ta' Agia Napa.

2.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.2.1. Introduzzjoni ta' arranġamenti dwar l-użu tal-Moll tat-Tunnara (X/1/5)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti dwar is-suġġett t'hawn fuq. Is-Sur R. Cutajar qal li sar avviż għal dawk li jużaw il-Kamra tas-Sajjieda, **bil-għan li jsir tikħil u tibjid tal-ħitan u manutenzjoni oħra mill-istess sajjieda li jużawha. Għaldaqstant, kull min għandu xi rkaptu tas-sajd ġie mitlub sabiex ineħħih mill-kamra sa mhux aktar tard minn nhar is-Sibt 5 ta' Diċembru 2009. Fl-istess data, il-membri tal-kumitat ser ineħħu dawk l-oġġetti kollha li jifdal fil-kamra.**

2.2.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

## 2.3.1. Malta Book Fair 2009 (F/5)

2.3.2. Sar aċċenn għall-minuta 16.1. tas-seduta preċedenti u ntqal li flimkien ma' l-awturi msemmija kien hemm Manuel Azzopardi bil-ktieb tiegħu dwar in-numiżmatika. Is-Sur Azzopardi huwa residenti fil-Mellieħa.

2.3.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li kemm-il darba l-Kunsill jiddeċiedi li jipparteċipa fl-edizzjoni li jmiss tal-Fiera, għandu jiġi kkuntattjat il-Professur Godfrey Wettinger li kiteb diversi kotba dwar l-istorja.

## 2.4.1. Quddiesa fiċ-Ċimiterju Omm il-Ħniena (A/5/3/3/Vol VIII)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u kkummenta li kien hemm attendenza tajba għall-Quddiesa. L-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina ħadu sehem.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.5.1. Tisbiħ u arranġamenti tat-traffiku ġodda fi Triq Qasam Barrani (K/6/4/1)

2.5.2. Is-Sur R. Cutajar rrefera għall-minuta 2.6.2. tas-seduta preċedenti u qal li l-permess mill-Awtorita` tat-Trasport li jkopri t-tibdil fis-*centre-strip* ta' Triq Qasam Barrani inżamm flimkien ma' talbiet oħra. Irriżulta li nħarġet ordni ta' infurzar dwar l-i*speed humps* ta' Triq Selmun, fejn l-Awtorita` ordnat li dawn jinqalgħu, billi ma kienux skond il-linji gwida stabbiliti, filwaqt li għandhom jsiru oħrajn ġodda, aktar wesgħin bit-tarmak. Din kienet ir-raġuni għaliex l-Awtorita` żammet il-ħruġ ta' dan il-permess u oħrajn li jirrigwardaw it-traffiku fil-lokalita`. Il-*humps* l-antiki inqalgħu fl-24 ta' Novembru 2009 sabiex it-talbiet li hemm quddiem l-Awtorita` jiġu pproċessat.

2.5.3. Is-Segretarju kkummenta li huwa pprotesta dwar din l-ordni għar-raġuni li imkien fil-permess li kien inħareġ ma ġie speċifikat it-tip ta' *speed humps* kellhom isiru.

2.5.4. Is-Sindku qal li r-residenti ta' Selmun huma ferm inkwetati bit-tneħħija tal-*humps* u talbu li jerġgħu jsiru, kif tixħed ittra mibgħuta minn Francis Raeymaekers tad-29 ta' Novembru 2009.

2.5.5. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet u qabel li dawn għandhom jsiru bit-tarmak skond l-ispeċifikazzjoni li addottat l-Awtorita` tat-Trasport.

**2.6.1. Jum il-Kunsill 2010 (A/5/3/1/Vol XI)**

**2.6.2.** Is-Sindku ppropona li fl-edizzjoni li jmiss ta' Jum il-Kunsill, tkun taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta l-Eċċ. Tiegħu Dr George Abela. Dan ikun parti minn żjara uffiċjali ta' tliet ijiem li tibda bis-serata ta' Jum il-Kunsill, nhar il-Ġimgħa 26 ta' Frar u tagħlaq il-Ħadd fit-28 ta' Frar 2010.

**2.6.3.** Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment u ddeċieda li għandha tintbagħat stedina lill-President.

**2.6.4.** Is-Sindku ppropona li jittellgħa *musical* bil-kanzunetti tal-grupp New Cuorey bil-mużika ta' Mro. Paul Abela taħt id-direzzjoni ta' Frederick Zammit.

**2.7.1. Korsijiet taż-żfin (E/3/1/8)**

**2.7.2.** Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għall-minuta 2.7.1. tas-seduta preċedenti. Huwa qal li għal-lezzjonijiet ta' din is-sena mhux ser ikun possibbli li tintuża s-sala tas-Solana Hotel mingħajr ħlas u għalhekk ser isir użu mis-Sala tal-Iskola fejn ikun hemm l-ispejjeż tal-*caretaker* u l-*manager*. Il-ħlas ta' persuna wahedha u ta' koppja ġew iffissati €147 u €102, rispettivament. Is-Sur C. Bartolo ġibed l-attenzjoni li bin-numru ta' persuni li applikaw il-kontribuzzjonijiet imħallsa mhux ser ikopru l-ispiża b'madwar €280, li jfisser illi kull koppja jew persuna weħidha tkun trid tiġi sussidjata €20.

**2.7.3.** Il-Kunsill approva s-sussidju.

2.8.1. **Premju Inizjattivi Lokalitajiet Indaf (T/6/1/Vol III)**

2.8.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti u qal li permezz ta' ittra datata 24 ta' Novembru 2009, il-Bord ta' Evalwazzjoni fi ħdan is-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni, għarraf li l-Mellieħa kienet rebħet il-Premju Inizjattivi Lokalitajiet Indaf. Il-premju kien ċekk ta' €30,0000 u ġie ppreżentat waqt konferenza stampa fi Triq Qasam Barrani fil-Mellieħa mis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Chris Said fit-30 ta' Novembru 2009.

2.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 06/11/09 – 25/11/09
- *Purchase Request Form* – 06/11/09
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 28/11/09 – 17/11/09
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Minuti – *Tender Adjudication Board* – 16/11/09

## 4.0. Korrispondenza

**4.1.1. Faċilitajiet għal *barbecues* u restawr ta' ħitan tas-sejjieħ fl-Aħrax tar-Ramel (A/4/5/Vol II)**

4.1.2. Is-Segretarju rrefera għal applikazzjoni – PA 2821/09 – li tressqet lill-MEPA mill-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali sabiex jitjiebu l-faċilitajiet fl-inħawi ta' l-Aħrax tar-Ramel. Ġie spjegat li t-talba tinvolvi l-introduzzjoni ta' *pits* użati għall-*barbecues*, tiswija ta' ħitan tas-sejjieħ u twaħħil ta xatba. L-imsemmija *pits* qed jiġu proposti f'waħda mill-*areas* indikati għall-ikkampjar permezz tal-*bye-laws* li ġew introdotti.

4.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma r-restrizzjonijiet fl-aċċess lejn il-Ponta ta' l-Aħrax għandu jkunu biss għall-vetturi, filwaqt li bl-ebda mod m'għandu jkun hemm tfixkil għall-persuni anzjani u b'diżabilita`. Ġew espressi dubji kemm ser ikun hemm spazju biżżejjed biex jilqa' d-domanda għall-*parking*, partikularment fil-Ħdud.

### 4.2.1. Tisbiħ u arranġament tat-traffiku ġodda fi Triq Qasam Barrani (K/6/4/1)

4.2.2. Tressqet stima mill-Environment Landscapes Consortium Ltd, datata 12 ta' Novembru 2009. Ġie spjegat li din tinvolvi t-trasferiment u tħawwil mill-ġdid ta' tletin siġra tat-tamarisk li hemm fil-wesgħa bejn Triq Qasam Barrani u Triq il-Mitħna l-Ġdida, liema stima tammonta għal €2,124.

4.2.3. Is-Sindku qal illi wara parir li ttieħed mid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura, irriżulta li l-aħjar żmien li jsir it-trasferiment tas-siġar huwa f'Diċembru. Is-Sur R. Cutajar fakkar ukoll li dan ix-xogħol jeħtieġ li jsir taħt is-superviżjoni tal- *Monitoring Unit* tal-*Malta Embellishment and Landscaping Project,* fi ħdan id-Dipartiment ta' l-Agrikoltura.

4.2.4. Tressqet proposta sabiex parti mit-tletin siġra in kwistjoni jitħawwlu qrib il-parkeġġ fl-Armier, filwaqt li jista' jsir kuntatt mar-*ranger* tal-Birdlife Malta bil-għan li jindika postijiet oħra fejn dawn jistgħu jitħawwlu.

4.2.5. Il-Kunsill approva l-istima u qabel li x-xogħol jitwettaq permezz tal-*period contract* li jeżisti mal-E.L.C. Ltd.

4.2.6. Kien hemm qbil ukoll li x-xogħol fuq is-*centre-strip* u l-bankini, flimkien ma' dak tar-*roundabout* għandu jitwettqu permezz tal-*period contract* ma' Central Asphalt Ltd.

### 4.3.1. Premju EDEN - *European Destination of Excellence* 2009 (T/12/Vol II)

4.3.2. Saret referenza għal ittra datata 18 ta' Novembru 2009, mibgħuta mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, fejn għar-raba' sena konsekuttiva l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu ser tieħu sehem fil-*European Destinations of Excellence Project* ta' l-Unjoni Ewropea. It-tema ta' din is-sena ser tkun it-Turiżmu Akwatiku. Għalhekk il-kompetizzjoni ta' din is-sena ser tkun tinvolvi lokalitajiet li fl-aħħar snin wettqu xi proġett kostali b'rabta mat-turiżmu. Il-Kunsill Lokali ġew mistiena jattendu seminar fuq dan is-suġġett fis-26 ta' Novembru 2009.

4.3.3. Is-Sindku ppropona li għandha ssir applikazzjoni, billi l-Mellieħa għandha numru ta' faċilitajiet akwatiċi bħalma huwa *diving*, *canoeing*, *windsurfing*, kif ukoll il-Mużew tat-Tunnara.

4.3.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku.

### 4.4.1. *Euromed International Sailing Championships* (S/6/Vol IV)

4.4.2. Inqrat ittra datata 16 ta' Novembru 2009, mibgħuta mill-Malta Sailing Federation fejn intqal li qed tiġi organizzata l-10 edizzjoni tal-*Euromed International Sailing Championships* fl-Għadira, fejn ser ikun hemm parteċipanti mir-Russja, il-Litwanja; l-Iżvezja, Franza, ir-Renju Unit, l-Italja u Malta. Fl-istess ittra sar appell sabiex il-Kunsill jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' dan l-avveniment. Min-naħa tagħhom, l-organizzaturi huma lesti li jagħtu pubbliċita` lill-attivitajiet marbuta ma' Milied Mellieha 2009 fil-fuljett promozzjonali li ser jippubblika fl-okkażjoni ta' *Euromed International Sailing Championships.*

4.4.3. Il-Kunsill approva li l-involviment tiegħu f'din il-kompetizzjoni m'għandux jaqbeż €200.

### 4.5.1. Skemi ta' Finanzjament (K/6/4/1)(F/1/7)

4.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 13.1. tas-seduta preċedenti dwar l-applikazzjonijiet li saru fir-rigward ta' għajnuniet taħt l-iSkema Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali u dik dwar Fondi Speċjali. Is-Sur R. Cutajar qal li fl-20 ta' Novembru 2009 tħabbar li kien ser jirċievi €3,000 għal Milied Mellieħi 2009 u €5,000 fir-rigward ta' Iljieli Melleħin 2010.

4.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.6.1. Devoluzzjoni tat-Torri l-Abjad (A/6/7/1)

4.6.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 25 ta' Novembru 2009 mibgħut mis-Sovintendenza dwar il-Wirt Kulturali, fejn għaddew abbozz tal-*Guardianship Deed* li jrid jiġi ffirmat bejnhom u l-Kunsill Lokali.

4.6.3. Is-Sindku kkummenta li l-Historical Military and Maritime Society hija tal-fehma li dan il-kuntratt għandu jkun għal terminu taż-żmien twil biżżejjed biex huma jkunu jistgħu jsewwu l-ħsara li saret fil-bini u jagħmlu r-restawr meħtieġ. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

4.6.4. Il-Kunsill iddeċieda li d-diriġenti tas-soċjeta` għandhom jiġu mistiedna jattendu s-seduta li jmiss.

## 4.7.1. Tiżjin tal-Milied fit-toroq ewlenin u fi Triq il-Parrocca (T/4/15)

4.7.2. Saret referenza għal ittra datata 30 ta' Novembru 2009, mibgħuta minn Pattisserie Bakers and Caterers Ltd f'isem il-komunita` kummerċjali ta' Triq il-Kbira, fejn appellaw lill-Kunsill sabiex jikkontribwixxi ħalli l-istess triq tkun tista' tintrama fil-jiem qabel il-Milied sa l-ewwel tas-sena.

4.7.3. Is-Sindku għarraf li sar appell verbali simili mill-operaturi ta' negozji fi Triq Ġorġ Borg Olivier, fejn il-Kunsill kien jikkontribwixxi billi jħallas il-parti mill-ispejjeż tal-konsum lill-Korporazzjoni Enemalta. Huwa ppropona wkoll li, kif sar fi snin oħra, il-Kunsill jidħol ukoll għat-tiżjin ta' Triq il-Parroċċa li tinvolvi spiża ta' €1,048.

4.7.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li dawn it-tip ta' inizjattivi jgħinu biex jiżdied il-kummerċ u għalhekk iddeċieda li għandu jikkontribwixxi €300 għal kull sezzjoni tat-toroq ewlenin (total ta' €600), filwaqt li approva n-nefqa għat-tiżjin ta' Triq il-Parroċċa.

## 4.8.1. Progett dwar Post ta' Rikrejazzjoni fi Triq il-Migbha, Ghasel u Xehda (P/4/23/Vol II)

4.8.2. Is-Segretarju rrefera għall-applikazzjoni li kienet saret lill-MEPA sabiex talloka fondi mill-Fond għat-Titjib Urban (UIF) b'risq il-proġett imsemmi. Huwa qal li permezz ta' *e-mail* datat 27 ta' Novembru 2009, il-Kumitat responsabbli mill-fond għarraf li kien approva l-allokazzjoni ta' €147,545.

4.8.3. Il-Kunsill innota b'sodisfazzjon it-tagħrif mogħti.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 6 ta' Novembru 2009.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

5.4. Il-Viċi Sindku E. Bartolo ppropona li jintalbu stimi sabiex jinxtraw u jiġu nstallati *cameras* li jirrikordjaw l-azzjoni ta' persuni li jagħmlu użu mill-*bring-in sites*.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn is-6 u l-25 ta' Novembru 2009.

6.3. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni għall-pagament Nru. 054-11-09 mitlub minn 13 Distributions Ltd għat-tqassim tal-35 ħarġa tal-magazin "Mill-Qiegħa" f'Ottubru 2009. Huwa fakkar li kien hemm ilmenti minn diversi residenti li l-magazin ma' tqassamx b'mod konsistenti f'diversi toroq. Korrispondenza dwar dan diġa teżisti ma' 13 Distributions Ltd.

6.4. Il-Kunsill iddeċieda li jissosspendi dan il-pagament sakemm tingħata tweġiba sodisfaċenti minn 13 Distributions Ltd

6.5. Tressqet wkoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* li tkopri l-perjodu 28 ta' Ottubru sas-17 ta' Novembru 2009.

6.6. Il-Kunsill ra l-kontenut taż-żewġ skedi u approva l-pagamenti elenkati fihom bl-eċċezzjoni ta' 054-11-09 fl-iskeda tal-pagamenti.

## 7.1. Tismija ta' toroq (T/4/1/Vol II)

7.2. Saret referenza għad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta preċedenti fejn intqal li kien għad-fadal jinsab isem għal triq ġdida li tinsab fi Triq il-Biegħa u triq ġdida oħra fi Triq it-Tunnaġġ.

7.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir rakkomandazzjoni sabiex it-tismija tat-toroq diskussi ssir kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Triq ġdida fi Triq il-Biegħa | Triq ix-Xagħra l-Ħamra |
| Triq ġdida fi Triq l-Imġiebaħ | Triq il-Fidwa Tal-Ilsiera |
| Triq ġdida fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa | Triq il-Ħawlija |
| Triq ġdida fi Triq it-Tunnaġġ | Triq il-Padrun |
| Triq ġdida fi Triq il-Mitħna l-Ġdida | Triq Monsinjur Ġużeppi Schembri |

## 8.1. Tħejjijiet għal Milied Mellieħi 2009 (A/5/3/6/Vol II)

8.2. Is-Sindku qal li saret laqgħa ma' l-għaqdiet tal-lokalita`, li sad-data tas-seduta kien hemm tnax minnhom li wrew illi ser jipparteċipaw bil-bejgħ tal-ikel. Attenda wkoll il-Kappillan Dun K. Mercieca partikularment minħabba li huwa propost li ssir Rock Mass bħala parti mill-attivitajiet fil-knisja parrokkjali.

8.3. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li saru arranġamenti sabiex isir *billboard* fit-telgħa ta' Selmun sabiex jirreklama Milied Mellieħi. Dan minbarra l-fuljetti li ser jitqassmu u l-artikoli fil-ġurnal "The Malta Independent".

8.4. Bħala sponsors kien hemm il-Bank of Valletta li ser jikkontribwixxu €250, Toyland Ltd li ser jagħmlu għotja ta' ġugarelli, Nestle` Malta Ltd li ser tikkontribwixxi b'*healthy breakfast* waqt l-i*spot* imsejjaħ *Breakfast With Santa*, li ser jittellgħa bil-koperazzjoni tal-*Health Promotion Unit* fi ħdan id-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika. Magħhom ser ikun hemm Vodafone Malta Ltd li ser jingħataw l-opportunita` jirreklamaw is-servizzi tagħhom, filwaqt li jikkontribwixxu €1,500 u jinfurmaw lill-pubbliku dwar Milied Melliehi permess ta' SMS. Splash and Fun Ltd ser jipprovdu l-*entertainers* barranin tagħhom, kif ukoll ser ikunu responsabbli mill-istampar ta' 15,000 kopja tal-fuljett ta' promozzjoni.

8.5. Is-Segretarju rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fuq dan is-suġġett fis-seduta preċedenti dwar il-possibilta` li jkun hemm *spot* dwar il-*boxing* biex jinġabru fondi b'risq il-Community Chest Fund. Is-Sur C. Debono għarraf li I. & J. Fitness Team issottomettew stima ta' €250 għall-kiri ta' *boxing ring* fl-20 ta' Diċembru.

8.6. Il-Kunsill innota u approva t-tħejjijiet imsemmija aktar 'il fuq, filwaqt li qabel illi l-proposta dwar il-maratona tal-*boxing* għandha tingħata aktar konsiderazzjoni.

## 9.1. Rendikont finanzjarju – Iljieli Melleħin 2009 (A/5/3/5/Vol II)

9.2. Is-Sindku ressaq ir-rendikont dwar l-attivita` imsemmija, kif jidher hawn taħt:

| ***Sponsors*** | **Dħul** |
|---|---:|
| Ministeru għar-Riżorsi l-Affarijiet Rurali | 1,000.00 |
| Bawac Bank | 1,000.00 |
| Skema dwar l-Inizjattivi Attivitajiet Kulturali | 3,000.00 |
| Melita plc | 1,000.00 |
| Playmobil | 400.00 |
| S.V.S. Ltd | 2,000.00 |
| HSBC Bank | 200.00 |
| Georgian Centre for Art Development | 1,000.00 |
| G.M.C. Transport | 500.00 |
| Awtorita` Maltija tat-Turiżmu | 1,500.00 |
| Kunsill Malti ghall-Kultura | 1,000.00 |
| B. Grima & Sons | 500.00 |
| Meter Film and TV | 500.00 |
| Ms Juliette Bisazza | 200.00 |
| Kampanja Tindif fil-Lokalitajiet | 1,000.00 |
| Kontribuzzjonijiet mħallsa mill-bejjiegħa u l-esibituri | 275.00 |
| Mekanika Ltd | 800.00 |

| Infieq | | Ħruġ |
|---|---|---|
| Dwal, Generator u Smoke Machine | | 900.00 |
| Armar ta' apparat tad-dawl u servizz ta' sigurta` | | 366.47 |
| Transportation of Stage and Stalls | | 500.00 |
| Audio Equipment - Extra Stages - Parish Squarex2 | | 384.68 |
| Audio Systems - 4 days Main Stage | | 1,095.00 |
| Kiri ta' strumenti mużikali, Bass Amplifier- Kunċert ta' Cafiso | | 1,929.30 |
| Preżentaturi, kantanti u mużiċisti | | 6,155.04 |
| Operating Engineer @ €27.50 per hour | | 82.50 |
| Taxxi fuq biljetti ta' l-ajru - Cafiso Band | | 367.25 |
| Kiri ta' imwejjed | | 257.24 |
| Kiri ta' Gazebos | | 324.50 |
| Riklamar fil-gazzetti | | 579.38 |
| Disinn tal-Flyers bil-programm ta' l-attivitajiet | | 354.00 |
| Stampar tal-*flyers* bil-programm Iljieli Melleħin u l-ġemellaġġ Mellieħa Agia Napa | | 246.75 |
| Stampar ta' 7000 kopja tal-*flyers* bil-programm sħiħ | | 252.52 |
| Tqassim tal-*flyers* | | 90.00 |
| Mementos - Iljieli Mellehin | | 186.39 |
| Trasport | | 170.00 |
| Servizz tal-fotografu | | 240.00 |
| Kiri ta' skips | | 185.00 |
| Estensjoni tal-ħinijiet tal-latrina pubblika | | 181.72 |
| Ospitalita` | | 77.50 |
| Pulizija | | 911.74 |
| Spejjeż oħra | | 13,45 |
| | 15,875.00 | 16,069.43 |
| **Bilanċ** | | **-€194.43** |

9.3. Is-Sindku qal li r-rendikont ser ikun jifforma parti mill-minuti.

## 10.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku E. Bartolo u ssekondata mill-Kunsillier J. Buttigieg illi tgħid:

**"Billi saret sejħa għall-offerti (Nru. 11/2007), skond l-Att tal-Kunsilli Lokali 1993 u l-Avviżi Legali 91 u 92 ta` l-1993, sabiex tissebbaħ biċċa art li tinsab bejn Triq il-Miġbħa u Triq ix-Xehda u Triq l-Għasel fil-Mellieħa;**

**Billi l-proġett, huwa kopert bil-permess ta` l-Awtorita` Maltija ta` l-Ambjent u l-Ippjanar, kif ukoll ġiet ivvutata somma fl-Estimi Finanzjarji għas-sena 2009/2010 sabiex tiġi mwettqa t-tieni fażijiet tiegħu li tikkonsisti fil-Kostruzzjoni (Sejħa 9/09) u l-*Landscaping* (Sejħa 8/09), rispettivament; u**

**Billi t-*Tender Adjudication Board* evalwa l-offerti li saru fiż-żewġ każi, skond il-minuti tiegħu tal-laqgħat tas-16 ta' Ottubru u s-16 ta' Novembru 2009, kif ukoll wara konsultazzjoni mal-perit nkarigat, jirrakkomanda li l-kuntratt tal-Kostruzzjoni għandu jingħata lill-offerent North 2 South Ltd, filwaqt li dak tal-*Landscaping* lill-Environment Landscapes Consortium Ltd;**

**Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kunsill jirriżolvi li għandhom jiġu ffirmati kuntratti sabiex isir ix-xogħol skond l-ispeċifikazzjonijiet u r-rati mogħtija fid-dokumenti ta` l-offerta rispettivi.". (P/4/23/Vol II)**

10.2. Fil-bidu tad-diskussjoni, is-Sindku ġibed l-attenzjoni li huwa għandu parentela ma' l-offerent Ivan Cutajar u għalhekk mhux ser jieħu sehem fid-diskussjoni, kif għamel meta dan is-suġġett kien qed jiġi diskuss mit-*Tender Adjudication Board*.

10.3. Il-Viċi-Sindku mexxa d-diskussjoni u rrefera għall-minuti tal-*Adjudication Board* imsemmija fil-mozzjoni t'hawn fuq, liema minuti qed jiġu mehmuża. Huwa spjega li l-Bord ħa in konsiderazzjoni d-dettalji mogħtija oriġinarjament u dawk addizzjonali mitluba mill-istess Bord, inkluż il-kampjuni tal-*fittings* tad-dwal, is-*safety carpet* u l-*anti-rooting membrane*. Sussegwentement sar *shortlisting* ta' Ivan Cutajar u North 2 South Ltd, fejn ġie nnutat li fit-totali tal-*bills* rispettivi l-ebda wieħed minn dawn l-offerenti ma kien orħos b'mod konsistenti u għalhekk il-Bord irrakkomanda li l-għażla għandha tkun ibbażata fuq il-prezz finali, ossija li l-kuntratt għandu jingħata lil North 2 South Ltd.

10.4. Il-Kunsillieri P. Cutajar ġibed l-attenzjoni għall-*Bills* C u D li jirrigwardaw ix-xogħol tal-bini u l-konkos, rispettivament. Huwa qal li dawn huma l-*items* ewlenin fil-proġett fejn l-ispiża kkwotata minn Ivan Cutajar hija sostanzjalment inqas minn dik ta' North 2 South Ltd. Huwa spjega li fil-każ ta' *Bill* C, id-differenza bejniethom hija 12.85%, filwaqt li f'*Bill* D, id-differenza hija ta' 7.99%.

10.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li punt imqajjem fil-minuta 10.4. huwa wieħed validu u kkummenta li t-*Tender Adjudication Board* forsi kkonċentra aktar fuq *items* bħalma huwa l-elettriku, l-ilma u l-għamara, fejn il-kwantitajiet tagħhom jibqgħu fissi, skond kif indikat fil-*bill of quantities*.

10.6. Il-Viċi-Sindku E. Bartolo rrimarka li l-kriterju tal-prezz finali, li fuqu kienet ibbażata r-rakkomandazzjoni tal-*Adjudication Board* ma jreġix daqshekk minħabba r-raġunijiet imqajjma fil-minuta 10.4., kif ukoll billi d-differenza bejn Ivan Cutajar u North 2 South Ltd hija biss ta' €5,721 (Lm 2,456).

10.7. Il-Kunsillier P. Cutajar ressaq mozzjoni biex it-tielet u r-raba paragrafi tal-mozzjoni oriġinali jinqraw kif ġej:

***"Wara li t-Tender Adjudication Board evalwa l-offerti li saru fiż-żewġ każi, flimkien mal-perit inkarigat, skond il-minuti ta' l-istess Bord tas-16 ta' Ottubru u s-16 ta' Novembru 2009;***

***Wara li l-Kunsill ħa in konsiderazzjoni l-items ewlenin fil-bill of quantities, ossija dawk relatati max-xogħol tal-bini (Bill C) u dak tax-xogħol tal-konkos (Bill D), fejn faċilment tista' tirriżulta żieda fil-kwantitajiet imkejla fuq il-post, b'tali mod li tinbidel l-ispiża finali;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt tal-Kostruzzjoni għandu jingħata lill-offerent Ivan Cutajar, filwaqt li dak tal-Landscaping lill-Environment Landscapes Consortium Ltd;***

***Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kunsill jirriżolvi li għandhom jiġu ffirmati kuntratti sabiex isir ix-xogħol skond l-ispeċifikazzjonijiet u r-rati mogħtija fid-dokumenti ta` l-offerta rispettivi.".***

10.8. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier C. Bartolo. Is-Sindku R. Cutajar ma vvutax, fid-dawl tad-dikjarazzjoni li għamel skond il-minuta 10.2. aktar 'il fuq.

## 11.1 Sejħa għall-offerti: (a) Tindif ta' Toroq Urbani; u (b) Ġbir ta' Skart Imħallat (T/4/5/Vol III)(K/6/2/Vol V)(K/6/10/Vol III)

11.2 Is-Segretarju għarraf li l-kuntratt dwar it-tindif ta' toroq urbani ser jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2009. Huwa għalhekk staqsa dwar jekk hemmx xi diffikulta` li sser sejħa għall-offerti.

11.3 Is-Sur C. Debono ġibed l-attenzjoni li l-frekwenza tal-knis fir-rigward tal-Moll taċ-Ċirkewwa matul ix-xhur tas-sajf mhux qed tkun suffiċjenti u spiss qed ikun hemm l-ilmenti. Huwa għalhekk ippropona li din tiżdied minn tliet darbiet għal erba darbiet fil-ġimgħa bejn Mejju u Settembru, filwaqt li din iż-żieda tista' tiġi ffinanzjata mill-Fondi għall-Ħtieġiet Speċjali.

11.4 Il-Kunsill qabel li din l-*option* tista' tiġi nkluża fil-kuntratt sabiex tintuża kemm-il darba tinħass il-ħtieġa tagħha.

11.5 Dwar il-kuntratt tal-iskart imħallat is-Segretarju kkummenta li ma jidhirx illi hemm xi nteress partikulari biex issir sejħa għall-offerti komuni mill-kunsilli lokali msieħba fil-Kumitat Konġunt u għalhekk huwa staqsa lill-Kunsill jekk hemmx xi diffikulta` li ssir sejħa mill-Mellieħa waħidha.

11.6 Il-Kunsill qabel li għandha ssir sejħa separata bi frekwenza ta' ħames servizzi fil-ġimgħa għal ġbir ta' skart imħallad, filwaqt li ġabra waħda għall-iskart reċiklabbli.

11.7 Is-Segretarju aċċenna għal talbiet li għamlu kemm Green Pak u Green MT sabiex jiltaqgħu mal-Kunsill bil-għan li jispjegaw l-iskemi rispettivi dwar l-irkupru ta' materjal użat għall-ippakkeġġjar. Is-Sur Debono spjegat li huwa fl-interess tal-Kunsill li jissieħeb f'waħda minn dawn l-iskemi biex jitnaqqsu l-ispejjeż ta' l-iskart li jinħatt fil-*landfill*.

11.8 Il-Kunsillier J. Azzopardi ġibed l-attenzjoni qal li m'huwiex ġust li l-allokazzjoni mill-Gvern tkun ibbażata fuq in-numru ta' residenti reġistrati fil-lokalita`. Huwa għalhekk importanti li ssir distinzjoni bejn l-iskart li jinġabar privatament mil-lukanda eċċ; dak miġbur mill-Kunsill stess miż-żoni tal-*boathouses;* u dak li jinġabar mill-partijiet urbani fil-Mellieħa, il-Manikata u Selmun.

## 12.1. Ftehim dwar it-tmexxija ta' proprjeta` devoluta (A/6/7/Vol II)(P/4/4/Vol III))

12.2. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni illi minkejja l-isforzi li saru sabiex jiġu mġedda l-ftehim dwar it-tmexxija tax-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija u tal-Batterija ta' Westreme, l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina u l-Art Club 2000 naqsu milli jersqu għall-iffirmar tal-ftehim relattiv.

12.3. Kien hemm qbil li għandha terġa tinbagħat ittra liż-żewġ għaqdiet imsemmija sabiex jiffirmaw il-ftehim mill-aktar fis possibbli.

## 13.1. Vandaliżmu fuq *billboard* (A/5/3/5Vol II)

13.2. Is-Sur R. Cutajar għarraf lill-Kunsill li fil-lejl bejn l-1 u t-2 ta' Diċembru 2009 sar att vandalu fuq il-*billboard* tal-European Destination of Excellence li hemm fit-telgħa ta' Selmun. Huwa qal li nkiteb kliem dispreġġjattiv biż-żebgħa bi fil-konfront tiegħu.

13.3. Il-Viċi Sindku E. Bartolo qal li nħarġet stqarrija għall-istampa biex tikkundanna dan l-att, filwaqt li appella sabiex il-Pulizija tagħmel l-investigazzjonijiet tagħha biex jinqabad minn kien responsabbli.

13.4. Il-Kunsillieri kollha esprimew solidarjeta` u kkundannaw dan l-att mingħajr riżervi.

## 14.1. Proġett Park tal-Familja u Afforestazzjoni f'Tal-Ibraġ (P/4/6/Vol III)

14.2. Is-Sindku għarraf li l-ipproċessar ta' l-applikazzjoni dwar il-proġett imsemmi waslet fil-fażi finali u huwa ttamat li l-permess tal-MEPA jinħareġ f'Diċembru 2009. Huwa qal ukoll li hemm prospetti tajbin li l-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura jwettaq xi xogħlijiet permezz tal-ħaddiema tad-Diviżjoni tax-Xogħlijiet, filwaqt li l-Kunsill jipprovdi l-materjal. Is-Sur R. Cutajar qal li minħabba illi s-sit jinsab 'il barra miż-żona ta' l-iżvilupp, il-Ministeru jista' jitlob li jingħata fondi mill-*Environment Initiatives in Partnership Programm (EIPP),* amministrat mill-MEPA. Intqal ukoll li l-kuntatti għadhom għaddejjin u laqgħa oħra ser issir fid-9 ta' Diċembru 2009.

14.3. Il-Kunsill innota l-iżviluppi li kien hemm dwar dan il-proġett.

## 15.1. Premju moghti mill-Kumitat Olimpiku Malti ghall-Kontribut lill-Isports (N/1/Vol II)

15.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li għat-tieni sena konsekuttiva, tressqet nominazzjoni għall-premju msemmi permezz ta' l-attivitajiet sportivi li ġew organizzati mill-Kunsill waħdu jew flimkien ma' għaqdiet sportivi tal-lokalita`. Is-Sur R. Cutajar qal li wara r-rebħ ta' dan il-premju fl-2008, wieħed jittama li l-Kunsill jikseb suċċess anke din is-sena. Ir-rebbieħa jitħabbru waqt serata li ser tittellgħa fis-6 ta' Diċembru 2009.

15.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

## 16.1. Infurzar tal-*Bye-Laws* dwar il-*Camping, Caravans* u *Barbecues* (B/5/Vol II)

16.2. Is-Sindku għarraf li matul ix-xahar ta' Diċembru fl-iskeda tax-xogħol tal-Gwardjani Lokali fil-Ħdud ġew irdupjati n-numru ta' siegħat bil-għan li jsir aktar infurzar tal-*bye-laws* li ġew introdotti. Huwa qal li l-aġenzija tal-Gwardjani qed titlob li meta tkun qed tagħmel dan it-tip ta' xogħol tkun akkumpanjata mill-Pulizija, minħabba li jkunu qed jittrattaw ma' gruppi ta' persuni u b'hekk faċilment jiġu aggrediti.

16.3. Is-Segretarju kkummenta li kemm-il darba, il-Pulizija jitolbu ħlas *extra*, jista' jsir użu mill-Fondi għal Ħtiġijiet Speċjali li alloka l-Gvern.

16.4. Il-Kunsill approva l-azzjoni li ttieħdet, kif ukoll l-użu tal-fondi msemmija fil-minuta 16.3. aktar 'il fuq.

## 17.1. *Green Challenge Award* u l-*Local Enterprise Support Scheme* (F/1/7)

17.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fuq inkarigu tas-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni qed jitħejja *feature* dwar il-Mellieħa, fost lokalitajiet oħra li qed jikkompetu. Dan billi l-lokalita` ġiet *shortlisted* għaż-żewġ premjijiet imsemmija hawn fuq. Il-produzzjoni tiegħu ġiet fdata lill-kumpanija Where's Everybody u mistenni li jidher fuq it-televiżjoni ta' l-istat f'Jannar 2010, meta jitħabbru r-rebbieħa.

17.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 18.1. Arranġamenti tat-traffiku fit-toroq ewlenin (T/3/3/Vol IV)

18.2. Is-Sindku għarraf li huwa qed ikun involut f'kuntatti ma-Malta Hotels and Restaurants Association, il-General Retailers and Traders Union, l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu u s-Segretarju Parlamentari tat-Turiżmu l-Onor. Mario De Marco, bil-għan li tiġi trattata l-problema tat-traffiku fi Triq Ġorġ **Borg Olivier u Triq il-Kbira. Is-Sur R. Cutajar qal li d-diskussjonijiet qed jiġu bbażati fuq statistiċi li nġabru waqt *traffic counts* li saru mill-Kunsill f'Mejju 2003. Qed jiġu kkunsidrati diversi idejat fosthom li:**

- Mill-Ħadd sal-Ħamis, Triq Ġorġ Borg Olivier u l-parti ta' ġewwa ta' Triq il-Kbira jiġu *one-way* 'l isfel, filwaqt li t-traffiku li jkun ġej bil-kontra, jgħaddi minn Triq l-Erwieħ, Triq is-Santwarju, Triq Ġnien Ingraw u Triq Qasam Barrani. Il-*parking* jibqa' permess, filwaqt li r-rotta tal-linja tispiċċa u minflok jiġi ntrodott servizz b'vetturi mħaddma bil-batterija; u

- Mill-Ġimgħa sas-Sibt, Triq Ġorġ Borg Olivier u l-parti ta' ġewwa ta' Triq il-Kbira jiġu żoni pedonali, fejn il-*parking* ikun projbit totalment. Filgħaxija jkunu jistgħu jintramaw l-imwejjed u siġġijiet mill-*bars*, ristoranti u lukandi li hemm fl-istess toroq.

18.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li Triq is-Santwarju u Triq Ġnien Ingraw huma limitati ħafna, filwaqt li m'huwiex għaqli li il-problema ta' konġestjoni tiġi spustjata għal dawn it-toroq li sal-lum huma relattivament kwieti.

18.4. Is-Sindku wieġeb li fil-preżent jeżistu mezzi bħalma huma *CVA cameras*, fejn ikun magħruf jekk sewwieq ta' vettura li għadda mit-toroq ewlenin ikunx għamel hekk biex jieħu servizz jew le. Dan ikun jista' jiġi stabbilit mill-ħin li jkun dam bejn id-dħul u l-ħruġ mill-parti urbana.

18.5. Kien miftiehem li d-diskussjoni fuq dan is-suġġett għandha titkompla fis-seduti li ġejjin.

## 19.1. Konsultazzjoni pubblika dwar l-estensjoni tal-Lukanda Seabank (P/5/8/G)

19.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrefera għall-konsultazzjoni pubblika li saret fis-Sala tal-Komunita` fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa fis-16 ta' Novembru 2009. Huwa kkummenta li kien hemm tibdil fl-applikazzjoni oriġinali, fis-sens li l-għoli tal-bini propost tbaxxa minn għaxar sulari għal seba' jew sitt sulari, filwaqt li l-*footprint* ċkien. Minkejja dan, hemm fatturi li għad iridu jiġu trattati, bħalma huwa t-telf ta' art agrikola u t-tniġġiż li jikkawża d-dawl bil-lejl.

19.3. Is-Sindku qal ukoll li mill-istess laqgħa ħareġ li l-piż fuq l-infrastruttura tas-servizzi ser jiġi kkumpensat permezz ta' pompi ġodda fir-*roundabout* li hemm fi Triq il-Marfa kantuniera ma' Dawret il-Mellieħa, kif ukoll iż-żieda ta' *sub-station* tal-elettriku oħra jew *upgrading* ta' dik eżistenti. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa aċċenna dwar jekk il-MEPA hijiex ser titlob mill-iżviluppatur il-ħlas ta' *planning contribution* kif normalment isir fi proġetti simili.

19.4. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għall-Pjan Lokali dwar it-Turiżmu fil-Mellieħa li sar mis-Sur Julian Zarb u staqsa x'kien ġara minnu. Is-Sindku wieġeb li s-Sur Zarb kien ikkonkludih u kellu jiġi diskuss f'livell ta' Kabinett.

19.5. Fi tmiem id-diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu jġib għall-attenzjoni tal-MEPA, il-punt li saret referenza għalihom aktar 'il fuq.

## 20.1. Tournament tas-*Snooker* u l-*American Pool* (S/4/2/Vol III)

20.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li qed jieħdu sehem għoxrin kompetitur fil-league tas-*Snooker*, filwaqt li hemm tnejn u ħamsin fil-każ ta' l-*American Pool*. Intqal ukoll li l-finali tas-*Snooker* ser isir fil-Każin Imperial, filwaqt li dik ta' l-*American Pool* ser issir fiċ-Ċentru Laburista.

20.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 21.1. Mixjiet organizzati mill-Kunsill f'zoni rurali (A/5/3/Vol VIII)

21.2. Il-Kunsillier H. Fenech qal li nhar il-Ħadd 13 ta' Diċembru 2009 ser ikun hemm mixja oħra mis-serje` ta' mixjiet li qed jiġu organizzati mill-Kunsill. Din ser tkun immirata għal persuni b'diżabilita` u l-anzjani.

21.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li qed tittieħed.

## 22.1. Tqassim ta' boroz għall-iskart reċiklabbli (K/6/2/Vol IV)

**22.2.** Il-Kunsillieri J. Azzopardi ppropona li għandhom jitqassmu numru ta' boroz lill-familji residenti fil-lokalita` sabiex jiġu nkoraġġiti jużaw is-servizz li qed jingħata nhar ta' Ħamis.

**22.3.** Is-Sindku qal jistgħu jingħataw tnax-il borża kull dar li jkunu jistgħu jiġu rtirati mill-uffiċċju tal-Kunsill permezz ta' kupun li jiġi stampat fil-magazin "Mill-Qiegħa". Il-Kunsill qabel li għandhom jintalbu tliet stimi dwar il-provista ta' tnax-il borza għall 3,000 dar u deċiżjoni finali għandha tittieħed f'seduta oħra.

## 23.1. Korsijiet tal-kompjuter immirati lejn il-komunita` kummercjali (E/3/1/9/Vol III)

23.2. Il-Kunsillier P. Cutajar għarraf li fil-25 ta' Novembru 2009 huwa attenda għat-tnedija ta' korsijiet li ser jiġu kordinati mit-The Computer Training Centre Ltd bil-kollaborazzjoni ta' HSBC Bank plc u Bank of Valletta plc. Ġie spjegat li dawn huma ntenzjonati għall-persuni li huma fin-negozju u li m'humiex daqshekk intiżi fl-informatika. Is-Sur P. Cutajar kompla jgħid li kien hemm ħames Kunsilli Lokali oħra li attendew u hemm il-ħsieb li dawn jibdew f'Jannar 2010. L-attivita` seħħet fl-HSBC Operations Centre f'Ħal Qormi.

23.3. Il-Kunsillier C. Bartolo qal li huwa kellu jattendi, iżda talab li jiġi skużat peress li kien indispost.

23.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fil-11.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 28 ta' Diċembru 2009, fis-7.00pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**